TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

75

Avviż Numru CCT 272/13-F
K

**Emanuel u Rose Cachia**
**vs**
**A. Agius Watch Dealer**

Illum 16 t'April, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fid-29 ta' Novembru, 2013 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' elf, mitejn u tmenin ewro (€1,280), rappreżentanti prezz t'arloġġ illi kien intilef mill-intimat meta ittieħed għandu għat-tiswija.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu ħadu l-arloġġ tad-ditta Omega RGG/B għand l-intimat sabiex issirlu t-tiswija u kellu ċinga tad-deheb 18-il karat. Illi skond ir-rikorrenti, wara ħafna żmien l-intimat ammetta li tilef dan l-arloġġ u minkejja li prova jsib wieħed bħalu, dan ma sabx u għalhekk qed jitolbu rifużjoni ta' elf, mitejn u tmenin ewro (€1,280), li huwa l-prezz ta' kemm kienu xtraw l-arloġġ oriġinarjament.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi l-intimat, debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u msejjaħ tliet darbiet, baqa' ma deherx għas-seduta.

Kif ukoll it-Tribunal jinnota li sal-ħin tas-seduta, l-intimat kien għadu ma bagħatx risposta bil-miktub, u għaldaqstant it-talba ma ġietx ikkontestata.

It-Tribunal, wara li sema' lir-rikorrenti, jikkonsidra li l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibli u aċċettabli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimat iħallas is-somma ta' elf, mitejn u tmenin ewro (€1,280), u bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888